# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 9**

**Rikors numru 869/16/1 GM**

**Saviour Schembri, u skont digriet tat-12 ta' Frar, 2019, l-atti ġew trasfużi f'isem Maria Schembri, Claudine Barbara, Josepha Guntrip, Ephraim Sam Schembri u Franridge Schembri**

**v.**

**L-Awtorità għat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-atturi kontra s-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-17 ta' Jannar, 2023, fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità konvenuta bil-konsegwenza li ċaħdet it-talbiet kollha tal-atturi dwar għemil abbużiv u *ultra vires* tal-istess Awtorità fit-termini tal-**Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-30 ta' Settembru, 2016, Saviour Schembri fisser illi fl-14 ta' Settembru, 2010, inħariġlu permess għal żvilupp mill-Awtorità tal-Ippjanar bin-numru PA 2778/09 għall-kostruzzjoni ta' *car wash* fi Triq Dun Karm, Birkirkara, u dan wara li l-perit tiegħu ssottometta lill-Awtorità tal-Ippjanar pjanta approvata mill-Awtorità għat-Trasport. Madankollu, dan il-permess ġie revokat mill-Bord tal-MEPA nhar l-20 ta' Settembru, 2012, minħabba li skont l-imsemmi Bord, il-pjanta sottomessa mill-perit ta' Saviour Schembri ma kinitx tabilħaqq approvata mill-Awtorità għat-Trasport Malta b'mod regolari.

3. L-attur appella minn din d-deċiżjoni quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, fejn b'deċiżjoni mogħtija fil-15 ta' Diċembru, 2014, dan ħassar ir-revoka tal-Bord tal-MEPA u ordna li l-permess għal żvilupp bin-numru PA 2778/09 jerġa' joħroġ fi żmien tletin (30) ġurnata. Fil-fatt dan il-permess inħareġ mill-ġdid, iżda kien soġġett għal kundizzjoni li qabel jinħareġ il-*Final Compliance Certificate* kellu jkun hemm *"clearance from Transport Malta confirming that all the signage have been erected as per Transport Malta approved block plan PA 2778/09/43A*." L-attur tenna illi minkejja li huwa nstalla t-tabelli tat-traffiku neċessarji u ripetutament talab lill-Awtorità għat-Trasport il-*clearance* in

kwistjoni, dan il-*clearance* baqa' qatt ma ngħata mingħajr ebda raġuni u spjegazzjoni. Għalhekk, il-*car wash* mhux qiegħda tintuża bil-konsegwenza li l-attur qiegħed jallega li qed isofri minn danni konsiderevoli.

4. Fid-dawl ta' dan kollu, l-attur jisħaq illi l-għemil tal-Awtorità għat-Trasport jammonta għal rifjut fit-termini tal-**Artikolu 469A (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, filwaqt li l-għemil amministrattiv ta' rifjut in kwistjoni huwa *ultra vires* u jikkostitwixxi wkoll abbuż mid-diskrezzjoni tal-Awtorità għat-Trasport fit-termini tal-**Artikolu 469A (1)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Magħdud ma' dan jgħid ukoll illi n-nuqqas ta' deċiżjoni bil-miktub u r-raġuni wara tali rifjut, jammontaw għal ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, kif ukoll ksur tal-ħtiġijiet proċedurali li jindikaw trasparenza tal-Awtorità għat-Trasport.

5. Għalhekk talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *"1. Tiddikjara li n-nuqqas tal-Awtorità intimata li toħroġ il-clearance neċessarju jew li tagħti xi tip ta' deċiżjoni oħra fi żmien xahrejn minn meta ġiet hekk mitluba bil-miktub jikkonstitwixxi rifjut kif previst f'***Artikolu 469A(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta***, u b'hekk jikkwalifika bħala għemil amministrattiv;*
>
> *2. Tiddeċiedi u tiddikjara li dan l-għemil tal-Awtorita` intimata u tal-predeċessur tagħha huwa abbużiv u ultra vires is-setgħat tagħha, kif previst fl-***Artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta***, u b'hekk tirrevoka l-istess għemil;*
>
> *3. Tordna lill-Awtorità intimata toħroġ il-clearance neċessarju;*
>
> *4. Tiddikjara l-Awtorità intimata responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti bħala konsegwenza tal-għemil fuq imsemmi inkwantu l-istess*

*aġir mhuwiex raġjonevoli.”*

6. L-Awtorità konvenuta ġiet debitament notifikata bir-rikors maħluf nhar l-10 ta’ Ottubru, 2016, filwaqt li l-Avukat Ġenerali ġie notifikat fis-6 ta’ Ottubru, 2016, u għaddiet biex ressqet ir-risposta maħlufa tagħha nhar il-25 ta’ Ottubru, 2016, fejn tenniet illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda.

7. Fil-mori tal-kawża, miet l-attur Saviour Schembri u permezz ta’ digriet datat 12 ta’ Frar, 2019, l-atti tal-kawża ġew trasfużi f’isem Maria Schembri, Claudine Barbara, Josepha Guntrip, Ephraim Sam Schembri u Franridge Schembri.

8. Nhar is-17 ta’ Jannar, 2023, l-Ewwel Qorti tat is-sentenza tagħha fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet kollha tal-Awtorità konvenuta. Is-siltiet l-aktar rilevanti ta’ din is-sentenza huma dawn:

> *“Ikkunsidrat:*
>
> *Din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ta’ għemil amministrattiv a tenur tal-**Art. 469A tal-Kap. 12** għaliex allegatament l-għemil huwa abbużiv u ultra vires.*
>
> *Il-fatti sostanzjali huma dawn:*
>
> *L-Awtorita` tal-Ippjanar (MEPA) ħarġet permess PA 2778/09 favur Saviour Schembri għall-kostruzzjoni ta’ car wash b’aċċess dirett minn u għal fuq Triq Dun Karm Psaila (Birkirkara By-Pass) soġġetta għall-kundizzjoni li qabel toħroġ il-final compliance certificate, ikun hemm konferma mill-Awtorita` għat-Trasport f’Malta (ATM) «confirming that all the signage have been erected as per Transport Malta approved block plan PA 2778/09/43A». ATM iżda naqset li toħroġ il-konferma minnha mitluba u għalhekk Saviour Schembri fetaħ din il-kawża. ATM*

*qatt ma tat raġuni għan-nuqqas tagħha li toħroġ deċiżjoni. Madanakollu, jirriżulta mill-eċċezzjonijiet tagħha, u mill-provi akkwiżiti f'din il-kawża, li r-raġunijiet l-għala l-ATM ma tatx il-konferma tagħha kienu dawn:-*

*(1) Il-pjanta li ntalbet tiċċertifika li Saviour Schembri kkonforma magħha ma kinitx inħarġet uffiċjalment minnha.*

*(2) Il-permess inħareġ bi ksur tal-Pjan ta' Struttura li skontu m'għandux ikun hemm aċċess dirett minn żviluppi edilizji għal fuq toroq arterjali. B'mod xejn ortodoss ittieħdet deċiżjoni li l-ispeed limit li hemmhekk huwa ta' 60 kfs jitbaxxa għal 50 kfs tul ta' 200 metru biswit l-aċċessi mbagħad jerġa' jogħla għal 60 kfs. Is-senjeletika tikser Konvenzjoni ta' Vjenna. Għalhekk joħloq periklu kbir għat-traffiku.*

*(3) ATM hija mwaqqfa permezz ta'* ***Kap. 499 tal-Liġijiet ta' Malta*** *li jvestiha bir-responsabilita` li tassikura s-saħħa u s-sigurta` tal-pedestrians u għall-vetturi fit-toroq.*

*Skont l-atturi: ġaladarba bħala stat ta' fatt is-senjeletika saret skont il-pjanta msemmija, l-ATM ma setgħatx tirrifjuta li toħroġ il-ċertifikat tal-compliance. L-uniku kriterju li kellha timxi miegħu l-ATM biex taċċetta jew tirrifjuta li toħroġ iċ-ċertifikat tal-compliance kien appuntu jekk is-senjeletika poġġuta fuq il-post kinitx skont il-pjanta sottomessa quddiem il-MEPA. Kull kunsiderazzjoni oħra hija irrilevanti. Inkluża l-kunsiderazzjoni ta' periklu għall-utenti tat-triq. ATM messha vventilat il-preokkupazzjonijiet tagħha billi nterveniet fil-proċeduri għall-ħruġ tal-permess bħala third party objector iżda naqset li tagħmel dan. Kieku għamlet hekk setgħet ukoll tappella.[1] ATM kisret it-test tar-raġonevolezza.*

*Ikkunsidrat:*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti:*

*Fl-ewwel lok, ATM hija Awtorità pubblika li ntalbet tagħmel l-eżerċizzju in kwistjoni minn awtorita` pubblika oħra. Ma jirriżultax li l-ATM kienet marbuta b'xi liġi li tagħmel dan l-eżerċizzju u għalhekk kienet ħielsa li jew tagħmlu jew ma tagħmlux.*

*Fit-tieni lok, il-pjanta li abbażi tagħha ntalbet li toħroġ l-approvazzjoni tagħha ma kinitx tassew maħruġa minnha, kif premess mill-MEPA u għalhekk kien impossibbli għaliha li tottempera ruħha mat-talba tal-MEPA. Kif setgħet tiddeċiedi jekk is-senjeletika kinitx tikkonforma mal-pjanta tagħha jekk pjanta uffiċjali tagħha ma kienx hemm?*

*Fit-tielet lok, huwa minnu li l-bona amministrazzjoni tesiġi li awtorita` pubblika tirrispetta l-operat ta' awtorita` pubblika oħra u li ma*

[1] Para 3.12 u para 3.13 tan-nota ta' sottomissjonijet tal-atturi, *a fol* 663.

*tostakolax leġġerment deċiżjoni meħuda minn awtorita` oħra. U li jekk tagħmel hekk ikun hemm lok għall-applikazzjoni tal-Art. 469A suċċitat kontra tagħha. B'danakollu jkollha raġuni valida ma jkunx hemm raġuni legali l-għala għandha tiġi ċċensurata. Ir-raġuni kienet li fil-fehma tagħha l-approvazzjoni tagħha kienet sejra twassal għal ħolqien ta' periklu għat-traffiku. Periklu li l-ATM hija marbuta bil-liġi li ħolqitha biex tagħmel dak kollu li hu possibbli u fattibbli biex jiġi evitat. Huwa notorju li l-bypass ta' Birkirkara hija arterja prinċipali li fiha t-traffiku kważi ma jieqaf qatt. M'hemmx għalfejn wieħed ikun espert tat-traffiku biex jagħraf li kwalunkwe dħul u ħruġ għal xi żvilupp edilizju f'din it-triq jikkawża periklu kbir. Apparti li jxejjen l-iskop kollu tal-bypass li hu li t-traffiku jimxi fiha b'ċerta veloċita` u mingħajr waqfien. Fil-fatt din il-bypass ma fiha l-ebda dħul jew ħruġ simili. Fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, li tasserixxi li l-ATM imxiet b'mod mhux raġonevoli, jew għal raġunijiet mhux xierqa jew irrelevanti, huwa kemmxejn ċiniku.*

*Is-sottomissjoni tal-atturi li ATM messha daħlet bħala third party objector hija wkoll barra minn lokha. Speċjalment meta wieħed iqis li l-ATM suppost li waqt l-ipproċessar tal-permess edilizju ġiet ikkonsultata mill-MEPA tramite direttorat tagħha imwaqqaf apposta – l-Integrated Transport Strategy Directorate (ITSO). Dan ma sarx; żgur mhux b'nuqqas tal-ATM, li setgħet tinduna biss meta kien tard wisq. Minflok, perit impjegat mal-ATM, fid-Direttorat tat-Toroq (mhux l-ITSO) u li kien fuq il-Bord tal-Ippjanar (fil-veste tiegħu personali) kiseb, b'mod mhux uffiċjali, il-pjanta li fuqha ntalbet tieħu azzjoni l-ATM, u silet minnha l-konklużjonijiet tiegħu bla ma ġiet involuta l-ATM.*

*Deċide:*

*Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u tiċħad it-talbiet tal-attur.*

*Spejjeż a kariku tal-attur."*

9. L-atturi appellaw minn din is-sentenza, b'rikors imressaq fil-15 ta' Frar, 2023, fejn talbu lil din il-Qorti:

*"tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet kollha attriċi u tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-Awtorità konvenuta, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Awtorità appellata."*

Jirriżulta illi l-aggravji mressqa f'dan ir-rikors huma ħamsa (5), ċjoè:

i. Nuqqas ta' motivazzjoni għaċ-ċaħda tal-ewwel talba tal-atturi appellanti;

ii. L-Ewwel Qorti kellha tiddetermina jekk fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, il-konsiderazzjonijiet tal-Awtorità humiex f'dan l-istadju rrelevanti;

iii. Ir-rifjut tal-Awtorità jimpinġi serjament fuq iċ-ċertezza legali u fuq id-drittijiet tal-appellanti;

iv. L-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet li l-pjanta sottomessa ma kinitx maħruġa sew mill-Awtorità in kwistjoni; u,

v. L-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet li l-Awtorità għat-Trasport kellha tiġi kkonsultata mill-MEPA *tramite* l-*Integrated Transport Strategy Directorate* (ITSD).

10. L-Awtorità appellata ġiet debitament notifikata bir-rikors tal-appell fit-23 ta' Frar, 2023, u wieġbet għalih billi talbet lil din il-Qorti sabiex tiċħad dan l-appell bil-konsegwenza li s-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-17 ta' Jannar, 2023, tiġi kkonfermata.

11. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li

tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa tal-**Artikolu 152 (5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

**Konsiderazzjonijiet:**

12. Fir-rigward tal-ewwel aggravju dwar in-nuqqas ta' motivazzjoni għaċ-ċaħda tal-ewwel talba tal-atturi appellanti kif dedotta fir-rikors maħluf, din il-Qorti rat:

a. L-ewwel talba tal-atturi appellant fir-rikors maħluf, ċjoè:

> *"Tiddikjara li n-nuqqas tal-Awtorità intimata li toħroġ il-clearance neċessaju jew li tagħti xi tip ta' deċiżjoni oħra fi żmien xahrejn minn meta ġiet hekk mitluba bil-miktub jikkonstitwixxi rifjut kif previst f'Artiklu 469A (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'hekk jikkwalifika bħala għemil amministrattiv;"*

u,

b. In-nuqqas ta' kontestazzjoni mill-Awtorità konvenuta fir-risposta maħlufa tagħha, fis-sens illi ddikjarat:

> *"l-ewwel talba li hija waħda merament dikjaratorja u legalment korretta.*"

Għalhekk fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tara illi in kwantu għal din it-talba, hemm qbil bejn il-partijiet illi l-kawża odjerna hi dwar għemil amministrattiv, kif ukoll li n-nuqqas ta' deċiżjoni min-naħa tal-Awtorità konvenuta fi żmien xahrejn minn meta l-istess Awtorità ġiet mitluba toħroġ

il-*clearance* neċessarju kif elenkat fil-permess numru PA 2778/09 jammonta għal rifjut fit-termini tal-**Artikolu 469A (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

13. Minkejja dan, l-Ewwel Qorti xorta waħda għaddiet sabiex ċaħdet l-ewwel talba u dan anke jekk mill-istess sentenza jidher ċar illi hija kkunsidrat tali għemil da parti l-Awtorità konvenuta bħala wieħed amministrattiv, kif ukoll li n-nuqqas tal-istess Awtorità kien jekwivali għal rifjut skont id-disposizzjoni tal-liġi surreferita. Għalhekk, mill-qari tas-sentenza, ma hemm l-ebda dubju illi l-Ewwel Qorti kienet fi qbil mal-partijiet f'dan ir-rigward, għaliex kif mgħallem "*(i)l-volonta` tal-ġudikant tista' tittiehed anke mill-konsiderandi tas-sentenza, u li d-dispositiv ma għandux jittiehed separatament mill-motivazzjoni iżda għandu jigi minn din definit u spjegat.*[2]"

14. Għaldaqstant, din il-Qorti tara illi l-Ewwel Qorti ma naqsitx illi tagħti l-motivazzjoni għaċ-ċaħda tal-ewwel talba, iżda, bi żball għaddiet sabiex ċaħdet l-ewwel talba meta skont il-volonta' tal-ġudikant innifsu jidher ċar illi din kellha tiġi milqugħa. Jingħad illi anke jekk minnha nnifisha tali talba hija sempliċiment waħda dikjaratorja, kien essenzjali illi din tiġi milqugħa sabiex b'hekk jiġi kkonfermat illi l-azzjoni hija legalment korretta, u li

[2] **Gerald Bartoli nomine v. Emanuel Mathiundes nomine**, deċiża mill-Appell Kummerċjali, fid-29 ta' Lulju, 1970.

saħansitra ġiet ippreżentata fit-terminu ta' sitt (6) xhur skont kif trid il-liġi. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti tara illi l-ewwel aggravju għandu jiġi milqugħ sabiex l-intendiment tal-Ewwel Qorti jkun rifless fil-parti deċiżiva tas-sentenza appellata.

15. Qabel ma din il-Qorti tgħaddi sabiex tara l-aggravji rimanenti, liema aggravji jinċidu b'mod dirett fuq il-fattispeċi tal-każ in kwistjoni, tara opportun illi tibda biex telenka l-kronoloġija tal-fatti sabiex ma jkunx hemm lok għal taħwid ta' fatti meta l-aggravji li fadal jiġu kkunsidrati:

a. Fil-**21 ta' Ġunju, 2009**: Il-mejjet Saviour Schembri applika għall-permess ta' żvilupp sabiex jibni *car wash* fi Triq Dun Karm Psaila, Birkirkara (*Bypass* ta' Birkirkara);

b. F'**Ottubru/Novembru, 2009**: Il-*case officer* tal-applikazzjoni, Victoria Grima, ikkonsultat mat-*Transport Planning Unit* dwar l-applikazzjoni, u l-*feedback* kien illi *"the proposed access is not acceptable in view of structure plan policy RDS5 and its close location to a very busy junction"*. Dan l-i*structure plan policy* jgħid illi fuq toroq arterjali ma għandu jkun hemm l-ebda żvilupp li jkollu aċċess dirett fuq it-triq arterjali imma għandhom jinħolqu *service roads* u l-aċċess ikun minnhom. Għalhekk fid-dawl ta' dan, f'rapport għal dan l-iskop ġie

rakkomandat illi l-applikazzjoni tiġi rifjutata, liema rapport ġie komunikat lil Saviour Schembri;

c. F'**Marzu, 2010**: Il-Perit Andrew Ellul għan-nom ta' Saviour Schembri, u minn rajh, issottometta *traffic impact assessment*;

d. Fit-**28 ta' April, 2010**: Waqt laqgħa tal-Bord, dan it-*traffic impact assessment* ġie meħud in konsiderazzjoni. Min-naħa ta' Victoria Grima, hija xorta waħda rrakkomandat illi l-applikazzjoni tiġi rifjutata, iżda f'każ li dan ma jseħħx, hija kienet tal-fehma li kellha tintalab bħala kundizzjoni l-*clearance* mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta. Fil-fatt jidher illi l-Bord kien ser jieħu vot favur tali applikazzjoni u jmur kontra r-rakkomandazzjoni ta' Victoria Grima, iżda minħabba xi tħassib ta' Daniel Cordina li kien *acting chairperson* fuq il-Bord, rigward il-viżibilità tal-*car wash* mit-triq, il-vot ġie sospiż għal darb' oħra bil-konsegwenza illi l-Perit Andrew Ellul ġie mitlub jikkonsulta mal-Awtorità tat-Trasport f'Malta u mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, u jissottometti l-proposti tiegħu;

e. F'**April, 2010**: It-*Transport Planning Unit* fi ħdan il-*Malta Environmental and Planning Authority* (MEPA) ġiet trasferita fi ħdan Transport Malta, bil-konsegwenza illi f'**Mejju, 2010**, ġewwa Transport Malta ġiet ċirkolata *memo* interna illi kull kommunikazzjoni li tiġi

mingħand il-MEPA kellha tgħaddi mis-sezzjoni hekk imsejħa *Integrated Transport Strategy Dirctorate* (ITSD);

f. Fis-**26 ta' Awwissu, 2010**: Minn korrispondenza bejn tliet (3) uffiċċjali tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, ċjoè Daniel Cordina (li kien ukoll fuq il-bord iżda fil-vesti tiegħu personali u mhux bħala uffiċjal tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta), Edgar Casingena u Felix Gauci, saret *drawing* sabiex jiġu verifikati l-*visibility sight lines* u tħejjiet pjanta apposta bis-senjaletika tat-toroq. Din il-pjanta, bil-*logo* tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, ingħatat lill-Perit Andrew Ellul mill-Perit Daniel Cordina bil-kliem *"amended drawing to submit*;"

g. Fit-**28 ta' Awwissu, 2010**: Il-Perit Andrew Ellul issottometta lill-Bord il-pjanta mibgħuta lilu mill-Perit Daniel Cordina;

h. Fl-**14 ta' Settembru, 2010**: Saret laqgħa u l-applikazzjoni ta' Saviour Schembri ġiet approvata b'mod unanimu;

i. Fit-**2 ta' Awwissu, 2011**: Is-soċjetà Dun Filippo Borgia bagħtet ittra lill-Awtorità tal-Ippjanar dwar it-tħassib tagħha fuq dan il-permess in kwistjoni. Għalhekk bdew il-verifiki, fejn l-Awtorità għat-Trasport f'Malta saħqet illi hija qatt ma ġiet ikkonsultata uffiċċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar dan il-permess *tramite* l-ITSD, għalhekk il-

kundizzjonijiet li hemm mal-permess ma jorbtuhiex u l-pjanta li fuqha ħareġ il-permess ma kinitx waħda uffiċjali maħruġa mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

j. Fid-**9 ta' Frar, 2012**: Iltaqa' l-Bord tal-MEPA fejn ġie deċiż illi "*there is a basis for the revocation of the planning permission because the objecting party alerted MEPA that the plan submitted during the sitting was not endorsed by Transport Malta. This was later confirmed by Transport Malta itself in subsequent communication*;"

k. Fit-**2 ta' Marzu, 2012**: Il-Perit Victor Sladden mill-Awtorità għall-Ippjanar bagħat ittra lill-Perit Andrew Ellul illi *"following issue of permit, MEPA was alerted that plan submitted during the sitting by your goodself was not actually endorsed by Transport Malta. This was later confirmed by Transport Malta itself in subsequent communication*;"

l. Fid-**9 ta' Novembru, 2012**: Id-deċiżjoni tar-revoka tal-permess ġiet ikkomunikata lil Saviour Schembri, u dan wara li din ittiehdet waqt il-laqgħa tal-Bord tal-MEPA fl-20 ta' Settembru, 2012;

m. Fit-**22 ta' Novembru, 2012**: Sar appell minn Saviour Schembri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar abbażi tal-**Artikolu 77 tal-Kap. 504 tal-Liġijiet ta' Malta**;

n. Fis-**16 ta' Diċembru, 2014**: It-Tribunal ta d-deċiżjoni tiegħu u laqa' l-appell ta' Saviour Schembri u ordna li jerġa' joħroġ mill-ġdid il-permess bin-numru PA 2778/09 fi żmien tletin (30) ġurnata mid-data tad-deċiżjoni. Jidher ċar illi t-Tribunal wasal għal din il-konklużjoni billi kien tal-fehma illi:

> *"Id-deċiżjoni mehuda kienet limitata għal informazzoni frawdolenti, misleading jew inkoretta. Min-naħa l-oħra ħareġ evidenti mix-xhieda prodotta fil-proċess ta' dan l-appell li l-pjanta jew dokument li l-Kummissjoni tal-Kontroll tal-Iżvilupp ikkunsidrat fid-deċiżjoni finali ma setax jitqies bħala informazzjoni frawdolenti jew qarrieqa. Ir-rappreżentanti tal-Awtorità ma setgħux jiddikjaraw li l-informazzjoni miġjuba mill-Perit Appellant, bl-intervent tal-Perit Daniel Cordina, kienet waħda fabrikata jew falza.*
>
> *Min-naħa l-oħra ħareġ evidenti li l-posizzjoni li ħa l-Perit Daniel Cordina li kien qiegħed jaġixxi bħala Acting Chairman tal-Kummissjoni li ddeċediet l-applikazzjoni, fl-istess waqt li kien ukoll Perit impjegat ta' Transport Malta, u għalhekk kien possibbli li jkun preparat għalih minn Transport Malta survey tekniku rigward il-viżibilita' tal-aċċess minn fuq is-sit għat-triq arterjali u dan ressqu lil Perit tal-appellant. Konsegwenza ta' dan l-aġir, wassal sabiex l-Awtorità tiddeċiedi favor ir-revoka tal-permess. Jibqa' kruċjali l-fatt li fl-ebda stadju ma ġie ppruvat li tali informazzjoni teknika min-naħa ta' Transport Malta qabel id-deċizjoni tal-Kummissjoni kienet waħda skorretta, misleading jew b'xi mod frawdolenti.*
>
> *Fis-sottomissjonijiet magħmula mill-Awtorità u anki fix-xhieda mogħtija mir-rappreżentanti tal-Awtorità kien hem aċċenn qawwi fuq il-konflitt ta' interess li seta' kellu l-Perit Daniel Cordina. L-affarijiet setgħu ġew managed aħjar mill-Bord u b'mod partikolari mill-Perit Daniel Cordina iżda l-konflitt ta' interess, jekk kien hemm, ma kienx indikat bħala raġuni għar-revoka. Ċertament l-elementi ta' frodi fil-kuntest ta' konflitt ta' interess ma jirriżultawx;"*

o. Fil-**25 ta' Jannar, 2015**: Il-permess bin-numru PA 2778/09 inħareġ mill-ġdid, fejn ingħad:

*"The Malta Environment & Planning Authority hereby grants development permission in accordance with the application and plans described above, subject to the following conditions:*

*(…)*

*13. The development hereby permitted shall be subject to Final Compliance (Completion) Certification, verifying that the development has been carried out in full accordance with the plans approved by this permission and with the other conditions imposed in this permission, has been issued by the Malta Environment & Planning Authority. Prior to the issuing of the Final Compliance Certificate for this development, this applicant shall submit to MEPA: Clearance from Malta Transport confirming that all the signage have been erected as per Transport Malta approved block plan PA 2778/09/43A;"*

p. Fit-**8 ta' April, 2016**: *Email* mibgħuta mill-Perit Andrew Ellul lil David Sutton mill-ITSD fi Transport Malta, sabiex jinfurmah illi is-senjaletika tat-toroq tinsab f'postha;

q. Fil-**15 ta' April, 2016**: *Email* mibgħuta mill-Perit Andrew Ellul lil David Sutton mill-ITSD fi Transport Malta, biex ifakkru dwar il-kwistjoni;

r. Fit-**18 ta' Mejju, 2016**: *Email* mibgħuta mill-Perit Andrew Ellul lil David Sutton mill-ITSD fi Transport Malta, fejn issuġġerixxa laqgħa fil-preżenza tal-avukati;

s. Fis-**26 ta' Mejju, 2016**: *Email* mibgħuta mill-Perit Andrew Ellul lil David Sutton mill-ITSD fi Transport Malta, fejn talab kjarifika fuq is-sitwazzjoni;

t. Fit-**13 ta' Ġunju, 2016**: Saviour Schembri bagħat ittra legali lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, fejn din tal-aħħar ġiet interpellata sabiex tagħti l-konferma tagħha li Saviour Schembri aderixxa ruħu mal-kundizzjoni kif ifformulata fil-permess u għalhekk jista' jingħata l-*clearance*;

u. Fl-**4 ta' Awwissu, 2016**: Saviour Schembri ppreżenta protest ġudizzjarju kontra l-Awtorità għat-Trasport f'Malta;

v. Fit-**30 ta' Settembru, 2016**: Saviour Schembri ppreżenta r-rikors maħluf.

16. Stabbilit il-premess u fir-rigward tat-tieni aggravju, din il-Qorti tara li l-atturi appellanti jridu li issa li t-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ddeċieda dwar il-pjanta sottomessa mill-Perit Andrew Ellul, liema deċiżjoni ma ġietx appellata quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), l-Awtorità għat-Trasport f'Malta ma jkollha l-ebda dritt tagħmel xi indaġini f'dan l-istadju, iżda għandha sempliċiment tgħaddi biex tivverifika li saret is-senjaletika fit-toroq bil-konsegwenza li tagħti l-*clearance* tagħha bil-konsegwenza li l-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar ikun wieħed eżekuttiv. Min-naħa l-oħra, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta tikkontendi illi anke jekk is-senjaletika tat-toroq jinsabu f'posthom, il-*clearance* tagħha ma tistax tagħtih u dan fid-dawl ta' erba' (4) raġunijiet, u ċjoè: (i) l-Awtorità għat-

Trasport f'Malta, b'mod partikolari l-ITSD, ma ġietx ikkonsultata fuq din il-kwistjoni bil-konsegwenza illi l-kundizzjonijiet ma humiex mogħtija minnha, (ii) il-pjanta li ġiet sottomessa mill-Perit Andrew Ellul ma hijiex uffiċjali tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, (iii) il-permess imur kontra l-i*structure plan policy RDS5* peress illi hawnhekk jittratta aċċess u ħruġ dirett fuq triq arterjali, u (iv) dan il-permess ser jagħti lok għal periklu kbir u jnaqqas mis-sigurtà ta' kull min jagħmel użu mit-triq in kwistjoni.

17. Jibda biex jingħad illi l-funzjoni tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta fit-termini tal-liġi ma hijiex biss illi tawtorizza tabelli jew sinjali tat-traffiku stradali, marki tat-toroq u miżuri għat-trażżin tat-traffiku,[3] iżda testendi ukoll għas-setgħa illi:

a. Tagħmel dawk il-ħwejjeġ kollha li jistgħu jkunu meħtieġa għar-regolament, immaniġġar, sigurtà u kontroll tat-traffiku stradali, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll lokali u għal dan il-għan li tadotta strateġiji u *standards* li għandhom valur referenzjarju Ewropew (**Artikolu 7(b) tal-Kap. 499 tal-Liġijiet ta' Malta**);

b. Twettaq verifiki tas-sigurtà stradali, valutazzjoni tas-sigurtà stradali u kwalunkwe funzjonijiet oħra relatati mat-toroq stabbiliti fir-

[3] Artikolu 7 (c) tal-Kap. 499 tal-Liġijiet ta' Malta.

Regolamenti dwar Toroq Ġodda u Xogħlijiet f'Toroq u kwalunkwe liġi oħra (**Artikolu 7(f) tal-Kap. 499 tal-Liġijiet ta' Malta**); u,

c. Tagħti d-dritt ta' passaġġ fuq it-toroq, għajr toroq privati, lil persuni (**Artikolu 7(h) tal-Kap. 499 tal-Liġijiet ta' Malta**).

18. Għalhekk jidher ċar illi l-funzjoni u s-setgħat tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta huma wiesa', u fit-termini tal-liġi l-Awtorità għandha għalhekk l-obbligu illi tkun fiċ-ċert illi fit-toroq tagħna ma jkunx hemm lok għal periklu bil-għan illi s-sigurtà tal-poplu tkun imħarsa. Barra minn hekk, **Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta**, ma jipprovdix *timeframes* meta l-Awtorità konvenuta għandha tqajjem dawn il-kwistjonijiet anzi saħansitra jagħtiha l-fakolta' illi tagħmel dak kollu meħtieg sabiex ikunu mħarsa s-sigurta' u l-kontroll tat-traffiku stradali, naturalment għall-interess tal-utenti tat-toroq Maltin;

19. Magħdud mal-premess, din il-Qorti tara wkoll illi l-Awtorità trid ukoll tosserva numru ta' *policies*, kemm dawk rigward it-toroq in ġenerali kif ukoll oħrajn interni għat-tħaddim tal-Awtorità nnifisha. F'dan ir-rigward mill-atti jirriżulta li sa mill-bidu nett tal-ipproċessar ta' din l-applikazzjoni, issemmiet l-i*structure plan policy RDS5* u kif dan l-iżvilupp kien ser imur kontra l-istess *policy*. Issemmiet ukoll *policy* oħra nterna li ġiet fis-seħħ wara li ġiet ippreżentata l-applikazzjoni tal-mejjet Saviour Schembri,

liema *policy* irrikjediet illi kull kommunikazzjoni li tiġi mingħand il-MEPA kellha tibda tgħaddi mis-sezzjoni hekk imsejħa *Integrated Transport Strategy Dirctorate* (ITSD).

20. Fid-dawl ta' dan, tqum waħedha l-mistoqsija, kellha d-dritt illi f'dan l-istadju l-Awtorità konvenuta tirrifjuta li tagħti l-*clearance* tagħha u minflok tibqa' ssostni fuq kwistjonijiet oħra li joħorġu mil-liġi u l-*policies* tagħha stess? Din il-Qorti hija moralment konvinta illi irrispettivament jekk l-ITSD ġietx ikkonsultata, jew jekk il-pjanta sottomessa mill-Perit Andrew Ellul kinitx maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-fatt illi dan l-iżvilupp imur kontra l-i*structure plan policy RDS5* bil-konsegwenza li jikkawża periklu għal kull min ikun qed juża l-*bypass* ta' Birkirkara, mertu tal-każ in kwistjoni, filwaqt li ser titnaqqas is-sigurtà b'mod ġenerali, huwa biżżejjed sabiex l-Awtorità konvenuta tippersisti fuq ir-rifjut tagħha.

21. Huwa minnu illi l-*clearance* mitlub huwa marbut mas-senjaletika tat-toroq, però xorta jibqa' l-fatt illi: (i) it-*Transport Planning Unit* fi ħdan il-MEPA kienet mal-ewwel irrakkomandat illi dan l-iżvilupp jiġi rrifjutat iżda għal xi raġuni mhux magħrufa din ir-rakkomandazzjoni ġiet injorata, (ii) wara li din il-*Unit* ġiet trasferita fi ħdan l-Awtorità għat-Trasport u ddaħħlet *policy* ġdida illi kull kommunikazzjoni mill-MEPA trid tgħaddi mill-ITSD, dan xorta waħda ma seħħx bl-iskuża li l-*policy* tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta kienet waħda interna u ma ġietx ikkomunikata lil MEPA,

għalkemm din il-Qorti ma hijiex konvinta minn dan, u (iii) l-liġi hija ċara u titfa' element ta' responsabbilità fuq l-Awtorità konvenuta għas-sigurtà fit-toroq tagħna mingħajr il-bżonn ta' rigorożità żejda u dan tenut kont li hawnhekk qed jiġi trattat b'mod assolut il-ħajja u s-sigurtà ta' kull min juża din it-triq arterjali.

22. Għalhekk, din il-Qorti ma taqbilx mal-aggravju tal-appellanti u dan ġaladarba l-iżvilupp in kwistjoni jmur kontra l-liġi u l-*policies* tal-Awtorità konvenuta, bil-konsegwenza li bl-argument tagħhom l-appellanti qegħdin inaqqsu mill-importanza tal-irwol tal-Awtorità għat-Trasport f'dawn iċ-ċirkostanzi. Is-setgħat u l-funzjonijiet tal-Awtorità konvenuta huma ċari, u ngħataw proprju għal raġuni valida, liema raġuni għandha tiġi rispettata mingħajr xkiel. Ir-raġuni għaliex dawn il-liġijiet u *policies* ma ġewx meħuda in konsiderazzjoni mal-ewwel ma hijiex raġuni valida sabiex l-Ewwel Qorti u warajha din il-Qorti jagħlqu għajnejhom bil-konsegwenza li jmorru kontra l-akbar interess soċjali tal-pajjiż, ċjoè s-saħħa u s-sigurtà taċ-ċittadin.

23. Hu minnu illi l-permess maħrug mill-Awtorità tal-Ippjanar jikkostitwixxi dritt vestit a bażi tal-liġijiet u *policies* tal-Awtorità u nonostante t-twissija dwar l-kundizzjoni imposta fuq l-Awtorità għat-Trasport dwar is-senjaletika, jiġi mfakkar li permess jinħareġ bla

pregudizzju għal drittijiet ta' terzi u f'dan il-każ l-Awtorità għat-Trasport għamlet użu tad-drittijiet u obbligi imposti fuqha mil-liġi.

24. Fir-rigward tat-tielet aggravju, l-appellanti jilmentaw illi r-rifjut tal-Awtorità konvenuta qiegħed jimpinġi fuq iċ-ċertezza legali u d d-drittijiet tagħhom. Din il-Qorti lanqas ma taqbel ma' dan l-aggravju, hekk kif ingħad fit-tieni aggravju li permess jinħareġ bla pregudizzju għad-drittijiet ta' terzi, f'dan il-każ l-Awtorità għat-Trasport fdata bħal Awtorità regolatriċi li tqis primarjament l-interess ġenerali tas-soċjetà u tal-ambjent u s-sostenibilità tal-pajjiż li ngħixu fih, liema interess kif ingħad hu fdat lill-entitajiet appożiti, approvati mill-Gvern biex jiġi delineat u specifikat mill-istess liġi jew liġijiet li welldu lill-istess Awtorità.

25. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi preżenti huwa ċar illi l-interess pubbliku jipprevali fuq interess purament privat, speċjalment meta ma jkunux ġew meħuda in konsiderazzjoni b'mod tajjeb biżżejjed liġijiet oħra b'rabta ma' awtoritajiet regolatriċi li jeħtieġu l-kunsens espliċitu tagħhom fil-mument tad-deċiżjoni finali. B'hekk dan l-aggravju qed jiġi miċħud ukoll.

26. Fir-rigward tar-raba' u ħames aggravji, din il-Qorti ser titrattahom flimkien peress illi t-tnejn li huma jinċidu fuq il-mertu u jitrattaw il-fatt jekk l-Ewwel Qorti żbaljatx *o meno* kif ikkunsidrat ċertu fatti fis-sentenza tagħha. Skont l-appellanti, l-Ewwel Qorti żbaljat meta qalet illi: (i) il-pjanta

sottomessa mill-Perit Andrew Ellul ma kinitx maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità konvenuta, u (ii) l-ITSD kellha tiġi kkonsultata qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni mill-Awtorità għall-Ippjanar.

27. Din il-Qorti tara li meta jitressaq ilment illi jkun sar apprezzament ħażin tal-provi mill-Ewwel Qorti, tajjeb li jiġi mfakkar li, din il-Qorti bħala Qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax faċilment id-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti, sakemm ma tkunx manifestament żbaljata jew għax ikun hemm raġunijiet gravi biżżejjed, bil-konsegwenza li tkun ser titwettaq inġustizzja. Għalkemm din il-Qorti għandha tara u tifli l-valutazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti, m'għandhiex taqbad u twarrabha jekk ma jkunx hemm raġunijiet tabilħaqq serji biex tagħmel dan. Il-funzjoni ta' reviżjoni li trid tagħmel din il-Qorti ma jwasslux bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti, bħallikieku ma sar xejn. Għall-kuntrarju, jekk jirriżulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti huwa wieħed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u li l-konklużjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sinteżi tar-raġunament mibni fuq dawk il-provi u t-tħaddim xieraq tal-liġi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik id-diskrezzjoni.

28. Stabbilit il-premess, din il-Qorti tara illi sa fejn l-appellanti jilmentaw dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti saħqet illi l-pjanta sottomessa mill-Perit Andrew Ellul ma kinitx waħda uffiċċjali maħruġa mill-Awtorità konvenuta,

dan huwa formalment korrett billi l-pjanta inħarġet bit-timbru tal-Awtorità. Il-kwistjoni tal-pjanta, tajjeb jew ħażin, ġiet riżolta mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar wara li Saviour Schembri kien appella mid-deċiżjoni tad-9 ta' Novembru, 2012. Għalhekk u ġaladarba dik il-kwistjoni għaddiet in ġudikat, l-Ewwel Qorti ma kellhiex għalfejn tikkummenta dwarha. Fid-dawl ta' dan, ir-raba' aggravju qed jiġi milqugħ, għalkemm dan in-nuqqas tal-Ewwel Qorti xorta waħda mhux ser ibiddel is-sustanza tad-deċiżjoni aħħarija.

29. Min-naħa l-oħra, il-kwistjoni ta' jekk l-Awtorità għall-Ippjanar kellhiex l-obbligu illi tikkonsulta l-ITSD fi ħdan l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma illi l-Awtorità konvenuta, senjatament l-ITSD, kellha tiġi kkonsultata waqt l-ipproċessar tal-applikazzjoni, madankollu dan ma sarx u dan mhux b'nuqqas tal-Awtorità konvenuta. L-appellanti jargumentaw illi minn imkien ma jirriżulta obbligu ta' konsultazzjoni, u għalhekk dan minnu nnifsu ma jistax jinvalida l-permess maħruġ.

30. Madankollu, din il-Qorti ma taqbilx. Għalkemm huwa minnu illi ma nġiebet l-ebda prova ta' obbligu illi tistabbilixxi din il-konsultazzjoni, kif ukoll illi l-*policy* tal-Awtorità konvenuta dwar dan il-*modus operandi* ġiet iċċirkolata internament biss, però jiġi riaffermat il-fatt illi sabiex tittieħed deċiżjoni ta' din in-natura kien ikun prudenti u '*best practice'* fl-interess ta'

kulħadd inkluż l-applikant li jittieħdu in konsiderazzjoni veduti ċari u inekwivoċi ta' awtoritajiet regolatorji li l-*vires* tagħhom hu neċessarju biex permess ta' żvilupp ikun jista' jiġi attivat fil-pubbliku. Tant kemm dan huwa minnu illi mal-applikazzjoni jirriżulta illi *Transport Planning Unit* fi ħdan il-MEPA ġiet immedjatament ikkonsultata, iżda matul l-ipproċessar tal-applikazzjoni meta l-*Unit* ġiet trasferita fi ħdan l-Awtorità għat-Trasport, ebda konsultazzjoni ulterjuri ma saret, lanqas sabiex jiġi vverifikat x'inhuma l-liġijiet u l-*policies* relevanti ġaladarba kien żvilupp fi triq arterjali. Il-permess ma ġiex invalidat kif sostnew l-appellanti iżda fiċ-ċirkostanżi ma setax jitqiegħed fis-seħħ minħabba raġunijiet lil hinn mill-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar.

31. Għalhekk l-aggravju qed jiġi miċħud.

**Deċide**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tilqa' l-ewwel u r-raba' aggravji, iżda tiċħad il-bqija tal-aggravji l-oħra rimanenti, b'dana illi s-sentenza appellata tiġi modifikata fis-sens illi kull referenza fil-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti għall-pjanta tal-Awtorità konvenuta li ma nkisbitx b'mod uffiċjali għandha tiġi skartata, kif ukoll, għal korrettezza legali, l-ewwel talba tal-atturi qiegħda tiġi milqugħa, filwaqt li l-bqija tas-sentenza tal-Ewwel Qorti qiegħda tiġi kkonfermata.

Bl-ispejjeż tal-appell għandhom ikunu tlett kwarti ($^{3}/_{4}$) a karigu tal-atturi, u l-kwart l-ieħor ($^{1}/_{4}$) għall-Awtorità konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr